

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar prattiċi restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Mejju 2017 dwar abbozz ta' deċiżjoni marbut mal-Każ AT.38238 — Tabakk mhux Maħdum — Spanja**

**Relatur:** Il-Polonja

(2017/C 425/07)

- (1) Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li d-Deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2004 tista' tkun emmenda permezz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.
- (2) Il-Kumitat Konsultattiv jikkondivid i-l-valutazzjoni tal-Kummissjoni kif espressa fl-abbozz tad-Deċiżjoni tagħha kif komunikata lill-Kumitat Konsultattiv fit-30 ta' Mejju 2017, li l-multa imposta (b'responsabbiltà *in solidum*) fuq Alliance One International Inc., il-predeċessuri legali tagħha, u s-sussidjarja tagħha World Wide Tobacco España, SA, jinħtieġ li tkun imnaqqsa bl-ammont ta' riduzzjoni li l-World Wide Tobacco España, SA Kisbet fl-appell individwali tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2004.
- (3) Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikkazzjoni tal-Opinjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.